



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

Brussel, 15 ta' Diċembru 2006

16879/06

CONCL 3

NOTA TA' TIFSIR

minn: Presidenza

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: **KUNSILL EWROPEW TA' BRUSSEL
14/15 TA' DIĊEMBRU 2006**

KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA

Id-Delegazzjonijiet isibu mehmuża l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussel (14/15 ta' Diċembru 2006).

1. Il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew kienet preċeduta minn spjegazzjoni mill-President tal-Parlament Ewropew, is-Sur Josep Borrell, segwita bi skambju ta' fehmiet. Il-Kunsill Ewropew jirringrazzja lis-Sur Borrell għall-ħidma li wettaq matul il-mandat tiegħu bħala President tal-Parlament Ewropew.
2. Il-Kunsill Ewropew jilqa' bil-ferħ lill-Bulgarija u r-Rumanija bħala membri ta' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007. L-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija ser timmarka l-ikkompletar b'suċċess tal-ħames tkabbir.

o
o o

Tissokta r-riforma: it-Trattat Kostituzzjonali

3. Kif miftiehem mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu f'Ġunju 2006, l-Unjoni segwiet approċċ fuq żewġ binarji. Iffokat fuq li jsir l-aħjar użu mill-possibbiltajiet offruti mit-trattati eżistenti biex jinkisbu riżultati konkreti waqt li tiġi ppreparata l-bażi għat-tkomplija tal-proċess ta' riforma. Il-Presidenza pprovdiet lill-Kunsill Ewropew valutazzjoni tal-konsultazzjonijiet tagħha ma' l-Istati Membri dwar it-Trattat Kostituzzjonali. L-eżitu ta' dawn il-konsultazzjonijiet ser jiġi mgħoddi lill-Presidenza Ġermaniża li jmiss bħala parti mill-preparazzjonijiet tagħha għar-rapport li għandu jiġi ppreżentat matul l-ewwel nofs ta' l-2007. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-importanza li jiġi kkommemorat il-50 anniversarju tat-Trattat ta' Ruma sabiex jiġu kkonfermati l-valuri tal-proċess ta' integrazzjoni Ewropew.

o
o o

I. STRATEĠIJA TAT-TKABBIR

4. Kif miftiehem fil-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2006 u abbażi tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istrateġija tat-tkabbir u r-rapport speċjali tagħha dwar il-kapaċità ta' l-UE li tintegra membri ġodda, il-Kunsill Ewropew żamm dibattitu fil-fond dwar it-tkabbir. Il-Kunsill Ewropew jaqbel li l-istrateġija tat-tkabbir ibbażata fuq il-konsolidazzjoni, il-kondizzjonalità u l-komunikazzjoni, flimkien mal-kapaċità ta' l-UE li tintegra membri ġodda, tiffirma l-bażi għal konsensus imġedded dwar it-tkabbir. L-UE żżomm l-impenji tagħha lejn il-pajjiżi li huma fil-proċess tat-tkabbir.
5. It-tkabbir kien storja ta' suċċess għall-Unjoni Ewropea u l-Ewropa kollha. Huwa għin biex tingħeleb id-diviżjoni ta' l-Ewropa u kkontribwixxa għall-paċi u l-istabbiltà mal-kontinent kollu. Huwa kien ta' ispirazzjoni għal riformi u kkonsolida l-prinċipji komuni tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt kif ukoll l-ekonomija tas-suq. Is-suq intern usa' u l-kooperazzjoni ekonomika żiedu l-prosperità u l-kompetittività, filwaqt li għamluha possibbli li l-Unjoni mkabbra twieġeb aħjar għall-isfidi tal-globalizzazzjoni. It-tkabbir tejjeb ukoll l-importanza ta' l-UE fid-dinja u għamilha msieħba internazzjonali aktar b'saħħitha.
6. Biex isostnu l-kapaċità ta' integrazzjoni ta' l-UE l-pajjiżi aderenti jridu jkunu lesti u kapaċi li jassumu b'mod sħiħ l-obbligi ta' sħubija ta' l-Unjoni u l-Unjoni trid tkun kapaċi tiffunzjoni b'mod effettiv u li tiżviluppa. Dawn iż-żewġ aspetti huma essenzjali biex jiġi żgurat appoġġ pubbliku wiesa' u sostnut, li għandu wkoll ikun promoss permezz ta' trasparenza akbar u komunikazzjoni aħjar.

7. Il-Kunsill Ewropew jikkonferma li l-UE żżomm l-impenji tagħha rigward in-negozjati ta' l-adeżjoni li għaddejjin. Ir-regoli msaħħa riċentement li jirregolaw il-proċess ta' adeżjoni jipprovdu għal kondizzjonalità stretta fl-istadji kollha tan-negozjati. Il-Kunsill Ewropew jaqbel mat-titjib issuġġerit mill-Kummissjoni rigward il-ġestjoni u l-kwalità tan-negozjati. Għaldaqstant, kwistjonijiet diffiċli bħar-riformi amministrattivi u ġudizzjarji u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni ser ikunu indirizzati fi stadju kmieni. Barra minn hekk, ir-riżultati tad-djalogi politiċi u ekonomiċi ser jiddaħħlu fin-negozjati ta' l-adeżjoni. Il-pass tal-proċess ta' adeżjoni jiddependi mir-riżultati tar-riformi fil-pajjiż ta' negozjar, fejn kull pajjiż jitqies skond il-merti tiegħu stess. L-Unjoni ser tibqa' lura milli tiffissa kwalunkwe data ta' mira għal adeżjoni sakemm in-negozjati jkunu qrib li jitlestew.
8. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid li l-futur tal-Balkani tal-Punent jinsab fl-Unjoni Ewropea. Huwa jtenni li l-progress ta' kull pajjiż lejn l-Unjoni Ewropea jiddependi mill-isforzi individwali tiegħu li jikkonforma mal-kriterji ta' Kopenhagen u l-kondizzjonalità tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Passat sodisfaċenti ta' pajjiż fl-implimentazzjoni ta' l-obbligi tiegħu taħt il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, inklużi d-dispożizzjonijiet relatati mal-kummerċ, huwa element essenzjali għall-UE biex tikkunsidra kwalunkwe applikazzjoni għal sħubija.
9. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-UE tista' żżomm u tapprofondixxi l-iżvilupp tagħha stess. Il-pass ta' tkabbir għandu jieħu kont tal-kapaċità ta' l-Unjoni li tassorbixxi membri ġodda. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tipprovdi valutazzjonijiet ta' l-impatt dwar l-oqsma ta' politika ċentrali fl-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' pajjiż għal sħubija u matul in-negozjati ta' l-adeżjoni. Hekk kif l-Unjoni tikber, l-integrazzjoni Ewropea b'suċċess teħtieġ li istituzzjonijiet ta' l-UE joperaw b'mod effettiv u li l-linji politiċi ta' l-UE jiġu żviluppati aktar u ffinanzjati b'mod sostenibbli.

Turkija

10. Il-Kunsill Ewropew jendorsja l-konklużjonijiet dwar it-Turkija adottati mill-Kunsill (KAĠRE) fil-11 ta' Diċembru 2006.

Kroazja

11. Il-Kunsill Ewropew jendorsja l-konklużjonijiet dwar il-Kroazja adottati mill-Kunsill (KAĠRE) fil-11 ta' Diċembru 2006.

Balkani tal-Punent

12. Il-Kunsill Ewropew jinnota li l-istatus ta' pajjiż kandidat ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja kien rikonoxximent tal-kisbiet fir-riformi tal-pajjiż. Il-Kunsill Ewropew isejjaħ għal aċċelerazzjoni tal-pass tar-riformi f'oqsma ċentrali u għall-implimentazzjoni tal-prijoritarjiet identifikati fis-Sħubija Ewropea sabiex isir progress lejn l-għan ta' mixi 'l quddiem fil-proċess ta' adeżjoni.
13. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-bidu ta' negozjati dwar faċilitazzjoni tal-viża u negozjati ta' l-ammissjoni mill-ġdid mal-pajjiżi kollha tar-reġjun bil-ħsieb li jiġu konklużi n-negozjati malajr kemm jista' jkun. Il-konklużjoni ta' tali ftehim ser jippromwovu l-kuntatti minn persuna għal persuna bejn l-UE u l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u ser iżidu l-opportunitajiet għall-ivjaġġar, speċjalment għall-ġenerazzjoni żgħażuġha. Filwaqt li jfakkar fl-Aġenda ta' Tessaloniki, il-Kunsill Ewropew jirrikonoxxi wkoll l-importanza li l-poplu tal-Balkani tal-Punent jagħti lill-perspettiva tal-moviment mingħajr viża. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew jissottolinja x-xewqa għall-promozzjoni ta' kuntatti minn persuna għal persuna billi jagħmel disponibbli aktar boroż ta' studju għall-istudenti tar-reġjun.
14. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress magħmul fil-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles ta' l-Ewropa Ċentrali, li ser ikun iffirmit f'Bukarest fid-19 ta' Diċembru, jistenna bil-ħerqa ftehim ta' kummerċ reġjonali u inklużiv. Is-CEFTA l-ġdid ser ikun pass sostanzjali 'l quddiem kemm ekonomikament kif ukoll politikament.

15. Is-Serbja tibqa' milqugħa li tingħaqad ma' l-Unjoni Ewropea. Filwaqt li jfakkar id-Dikjarazzjoni tiegħu dwar il-Balkani tal-Punent ta' Ġunju 2006, il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-impenn kontinwu ma' u l-appoġġ tiegħu għat-triq tas-Serbja lejn l-Ewropa. F'dan il-kuntest, huwa jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet Serbi jaċċelleraw l-isforzi tagħhom biex jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa, b'mod notevoli l-koooperazzjoni sħiħa ma' l-ICTY. Fid-dawl tal-kapaċità istituzzjonali konsiderevoli tas-Serbja, il-Kunsill Ewropew huwa kunfidenti li s-Serbja ser tkun kapaċi taċċellera it-tħejjijiet tagħha fit-triq lejn l-UE hekk kif jitkomplew in-negozjati dwar il-FSA.

II. SPAZJU TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA

16. Il-Kunsill Ewropew ikkunsidra l-implimentazzjoni tal-Programm ta' l-Aja u tenna l-impenn tiegħu għal aktar żvilupp ta' l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.
17. F'dak il-kuntest il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-imigrazzjoni u t-titjib tat-teħid ta' deċiżjonijiet fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.
18. Il-Kunsill Ewropew huwa konxju li, fil-proċess tal-ħolqien ta' spazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, l-Unjoni hija ffaċjata minn aspettattivi kontinwi u dejjem jikbru miċ-ċittadini, li jixtiequ jaraw riżultati konkreti f'materji bħall-kriminalità u terroriżmu transkonfini kif ukoll l-imigrazzjoni. Fl-istess ħin, qed jitqajjem aktar u aktar tħassib li rispons għal dawn l-aspettattivi huwa diffiċli fi ħdan il-qafas ta' proċeduri eżistenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet.
19. Kien fuq dan l-isfond, u fil-kuntest tar-reviżjoni tal-Programm ta' l-Aja, li l-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2006, sejjaħ lill-Presidenza biex tesplora, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, il-possibiltajiet għat-titjib ta' teħid ta' deċiżjonijiet u azzjoni fl-ispazju tal-Libertà, s-Sigurtà u l-Ġustizzja abbażi ta' trattati eżistenti.

20. B'referenza għall-analiżi u r-riflessjoni mwettqin, b'mod notevoli fil-laqgħa tal-ministri tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni f'Tampere f'Settembru, il-Kunsill Ewropew jikkunsidra l-ewwelnett li jista' jinkiseb progress prattiku billi tkun intensifikata l-kooperazzjoni operattiva bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill jagħmel progress fid-dawl ta' l-għażliet li ġew ippreżentati. Fl-istess ħin, il-Kunsill Ewropew huwa konvint li l-qafas biex jissoktaw il-linji politiċi ta' l-Unjoni immirat lejn it-titjib ta' l-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ser jeħtieġ li jkun ġenwinament imsaħħaħ sabiex jissodisfa l-isfidi preżenti.

F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid il-prinċipji rikonoxxuti fil-kuntest tal-proċess ta' riforma ta' l-Unjoni. Dawn jikkostitwixxu l-aktar bażi bilanċjata għal ħidma futura fil-qasam tal-Libertà, Sigurtà u Ġustizzja. Ser jittieħed kont ta' dawn il-prinċipji meta jsiru deċiżjonijiet rigward it-tkomplija tal-proċess ta' riforma.

Politika Ewropea komprensiva dwar il-Migrazzjoni

21. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza tal-kwisjonijiet dwar il-migrazzjoni għall-UE u l-Istati Membri tagħha. Li jiġu indirizzati kemm l-isfidi u l-oportunitajiet tal-migrazzjoni għal-benefiċċju ta' kulħadd hija waħda mill-prijoritajiet ewlenin għall-UE fil-bidu tas-seklu 21.
22. Il-politika Ewropea dwar il-migrazzjoni tibni fuq il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere fl-1999, il-Programm ta' l-Aja ta' l-2004 u l-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni adottat fl-2005. Hija bbażata fuq is-solidarjetà, il-fiduċja reċiproka u r-responsabbiltà kondiviża ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Hija bbażata wkoll fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tal-migranti, il-Konvenzjoni ta' Ġinevra u l-aċċess dovut għall-proċeduri ta' l-asil. Tirrekjedi sħubija ġenwina ma' pajjiżi terzi u għandha tiġi integrata kollha kemm hi fil-politika esterna ta' l-Unjoni.

23. L-avvenimenti fl-2006 u l-progress magħmul fl-implimentazzjoni ta' l-Approċċ Globali urew li l-migrazzjoni teħtieġ li tiġi indirizzata b'mod komprensiv u li l-isforzi magħmula sa issa jeħtieġu li jiġu msaħħa. Il-ħidma futura għandha tieħu kont tal-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni u twessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' l-azzjoni għal oqsma oħra ta' politika u tapplika l-esperjenza miksuba għal reġjuni oħra.
24. Il-Kunsill Ewropew għaldaqstant jaqbel dwar il-passi li jmiss li ġejjin li għandhom jittieħdu matul l-2007:
- a) jissaħħu u jiġu approfonditi **l-kooperazzjoni u d-djalogu internazzjonali mal-pajjiżi terzi** ta' l-oriġini u t-transitu, b'mod komprensiv u bilanċjat. B'mod partikolari:
- ser tissaħħa is-sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi Afrikani u Mediterranji permezz ta' twessigħ tad-djalogu u tisħiħ ta' kooperazzjoni Prattika; din is-sħubija ser tibni b'mod partikolari fuq l-impenji konġunti magħmula fil-konferenzi Ministerjali f'Rabat u Tripli fl-2006 kif ukoll fuq il-ħidma li għaddejja fil-qafas tad-djalogu UE/Afrika dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp, abbażi ta' l-Artikolu 13 tal-Ftehim ta' Kotonu, u l-proċess Euromed, inkluż il-Konferenza Ministerjali dwar il-migrazzjoni ta' l-2007. Sabiex jissaħħa id-djalogu dwar il-migrazzjoni, ser jintbagħtu missjonijiet konġunti ta' l-UE speċifiċi f'pajjiżi prinċipali Afrikani matul l-2007,
 - l-aġenda dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp ser tiġi intensifikata billi tiżdied il-koerenza bejn id-diversi linji politiċi ta' l-Unjoni, inkluż l-istrumenti finanzjarji tagħhom, bil-ħsieb li jiġu indirizzati l-kawżi oriġinali tal-migrazzjoni,

- l-Istati Membri u l-Kummissjoni ser jintegraw il-kwistjonijiet dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp fil-linji politiċi u l-ipprogrammar dwar l-għajnuna, jinkoraġġixxu lill-pajjiżi ta' l-oriġini u t-transitu biex jinkorporaw il-kwistjonijiet tal-migrazzjoni fil-pjanijiet ta' żvilupp nazzjonali tagħhom, inkluż strateġiji ta' tnaqqis tal-faqar, u jappoġġaw il-bini ta' kapaċità għal ġestjoni effettiva tal-migrazzjoni, inkluż permezz ta' l-istabbiliment ta' profili ta' migrazzjoni speċifiċi għall-pajjiżi. Ill-ġenerazzjoni l-ġdida ta' dokumenti strateġiċi reġjonali u ta' pajjiżi ser jinkorporaw bis-sħiħ, fejn rilevanti, il-konnessjoni bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp. F'dan ir-rigward, l-inizjattiva tal-Kummissjoni għal Programm ta' l-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp fl-Afrika jipprovdi mod biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni fit-terminu qasir u medju. L-Istati Membri huma inkoraġġuti wkoll biex isaħħu l-koordinazzjoni u jiżviluppaw programmar konġunt,
- ser jiġu stabbiliti pjattaformi ta' kooperazzjoni speċifiċi għall-pajjiżi dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp biex jinġiebu flimkien il-pajjiż sieħeb konċernat, l-Istati Membri ta' l-UE u l-Kummissjoni kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti biex iġestixxu l-migrazzjoni b'mod aktar koerenti; il-Kummissjoni hija mistiedna tikkunsidra miżuri ta' bini ta' kapaċità favur pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu,
- ser jiġi żgurat segwitu koerenti ta' l-UE għad-Djalogu ta' Livell Għoli ta' l-2006 tan-NU dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp Internazzjonali; l-UE ser tieħu rwol ta' tmexxija fit-tpoġġija tal-kwistjonijiet tal-migrazzjoni u l-iżvilupp fuq l-aġenda tal-komunità internazzjonali. L-ewwel laqgħa tal-Forum Globali dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp Internazzjonali f'Lulju 2007 fil-Belġju ser ikun pass kruċjali f'dan ir-rigward,
- ser jittieħdu miżuri biex titjieb il-kooperazzjoni dwar ir-ritorn u l-ammissjoni mill-ġdid ma' pajjiżi terzi, inkluż identifikazzjoni u dokumentazzjoni effettiva; ser tingħata enfasi speċjali lill-integrazzjoni mill-ġdid ta' migranti li rritornaw. In-negożjati dwar ftehim ta' ammissjoni mill-ġdid tal-KE jeħtieġu li jingħataw spinta; għal dan il-għan il-Kunsill għandu jesplora modi u mezzi oħrajn li bihom l-Istati Membri jkunu jistgħu jappoġġaw lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha biex tikkonkludi tali ftehim fuq livell ta' KE u biex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tagħhom,

- tingħata spinta lill-ħidma konkreta tul rotot migratorji fi sħubija ma' pajjiżi terzi b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġi prevenut u miġġieled it-traffikar u d-dħul klandestin tal-bnedmin, waqt li tiġi żgurata protezzjoni internazzjonali effettiva għall-persuni li jistgħu jiġu bżonnha kif ukoll għal gruppi vulnerabbli bħan-nisa u jiġu provduti miżuri speċifiċi għall-minuri mhux akkumpanjati,
 - filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi ta' l-Istati Membri f'dan il-qasam, ser jiġi kkunsidrat kif opportunitajiet ta' migrazzjoni legali jistgħu jiġu inkorporati fil-linji politiċi esterni ta' l-Unjoni sabiex tiġi żviluppata sħubija bilanċjata ma' pajjiżi terzi adattati għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol speċifiċi ta' l-Istati Membri ta' l-UE; ser jiġu esplorati modi u mezzi li jiffaċilitaw migrazzjoni ċirkolari u temporanja; il-Kummissjoni hija mistiedna tippreżenta proposti dettaljati dwar kif wieħed jista' jorganizza u jinforma aħjar dwar id-diversi forom ta' moviment legali bejn l-UE u pajjiżi terzi f'Ġunju 2007,
 - l-Approċċ Globali ser jiġi applikat għar-reġjuni ġirien lejn il-lvant u lbiċ ta' l-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni hija mistiedna biex tagħmel proposti dwar dialogu msaħħaħ u miżuri konkreti sa Ġunju 2007;
- b) tissaħħaħ il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni **illegali**, b'kont meħud tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-prijoritajiet tal-politika f'dan ir-rigward. B'mod partikolari:
- il-miżuri kontra l-impjiegi illegali ser jiġu intensifikati fil-livell ta' Stat Membru u ta' UE; il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti sa April 2007 f'dan ir-rigward,
 - ser jiġu utilizzat bi sħiħ possibbiltajiet teknoloġiċi eżistenti u ġodda biex jissaħħaħ il-kontroll tal-fruntieri u biex ikunu jistgħu jiġu identifikati persuni b'mod affidabbli; b'mod partikolari, il-Kummissjoni hija mistiedna tirrapporta qabel l-aħħar ta' l-2007 dwar kif jittejjeb il-kontroll ta' l-aċċess, inkluż dwar il-fattibbiltà ta' l-istabbiliment ta' sistema ġeneralizzata u awtomata ta' ħruġ u dħul għal dan il-fini. F'dan ir-rigward ser jiġu rispettati d-dispożizzjonijiet applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data*.

- il-Kummissjoni hija mistiedna tistudja l-possibbiltajiet biex jiġu żviluppati linji politiċi għal solidarjetà Ewropea estiża fil-politika dwar l-immigrazzjoni, il-kontroll tal-fruntieri u l-asil, b'kont meħud ta' l-inizjattiva magħmula għal dan il-għan;
- ċ) tittejjeb **il-ġestjoni tal-fruntiera esterna ta' l-Unjoni Ewropea** abbażi ta' l-istrateġija dwar il-ġestjoni integrata tal-fruntieri adottata mill-Kunsill fl-2006. B'mod partikolari:
 - il-kapaċità tal-Frontex ser tissaħħaħ b'mod mgħaġġel sabiex tkun kapaċi taffronta l-isfidi migratorji fil-fruntieri esterni ta' l-UE s-sena li ġejja, billi jiġu żgurati riżorsi ekonomiċi u ta' persunal adegwati u l-użu effettiv tagħhom, bl-istabbiliment ta' proċeduri għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza, bit-tisħiħ ta' rabtiet man-Network ta' l-Uffiċjali ta' Kollegament għall-Immigrazzjoni u bl-ikkompletar tar-reviżjoni ppjanata ta' l-Aġenzija u l-kompiti tagħha fl-2007,
 - il-Frontex hija mistiedna biex tiffinalizza urġentement il-ħidma li għaddejjja tagħha dwar il-ħolqien ta' reġistru ċentralizzat ta' tagħmir tekniku offrut mill-Istati Membri li jkun jista' jitpoġġa għad-dispożizzjoni ta' Stat Membru ieħor; u biex tirrapporta dwar il-progress magħmul lill-Kunsill sa l-aħħar ta' April 2007. L-Istati Membri huma mistiedna biex jikkontribwixxu b'mod attiv għal dan il-proċess b'mezzi u riżorsi nazzjonali,
 - ser tingħata prijorità wkoll biex jiġi eżaminat il-ħolqien ta' Sistema ta' Sorveljanza Ewropea għall-fruntieri marittimi tan-nofsinhar, il-Frontex huwa mistieden jistabbilixxi malajr kemm jista' jkun, flimkien ma' l-Istati Membri tar-reġjun, Network ta' Pattulji Kostali fil-fruntieri marittimi tan-Nofsinhar,
 - l-effiċjenza tal-kooperazzjoni dwar it-tiftix u s-salvataġġ ser tittejjeb u ser titmexxa 'l quddiem għal assistenza fl-iżvilupp ta' linji gwida dwar il-kamp ta' applikazzjoni legali għall-azzjoni li għandha tittieħed biex tiġi miġġielda l-migrazzjoni illegali permezz tal-baħar,

- il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma mistiedna biex jilhqg ftehim rapidu dwar ir-Regolament dwar l-istabbiliment ta' Gruppi ta' Intervent Rapidu mal-Fruntiera fl-ewwel semestru ta' l-2007 u biex jistudjaw dan il-mudell f'funzjonijiet oħrajn relatati mal-fruntieri, bħall-assistenza umanitarja;
- d) safejn jirrigwardja l-**migrazzjoni legali**, ser jiġu żviluppati linji politiċi tal-migrazzjoni ġestiti tajjeb, li jirrispettaw bi sħiħ il-kompetenzi nazzjonali, biex jassistu lill-Istati Membri jilhqg l-ħtiġijiet tax-xogħol attwali u futuri waqt li jikkontribwixxi għal żvilupp sostenibbli tal-pajjiżi kollha; b'mod partikolari, il-proposti li ġejjin tal-Kummissjoni fi ħdan il-qafas tal-Pjan ta' Politika dwar il-Migrazzjoni Legali ta' Diċembru 2005 għandhom jiġu eżaminati malajr; l-Istati Membri huma mistiedna jiskambjaw informazzjoni dwar miżuri meħuda fl-oqsma ta' l-asil u l-migrazzjoni, skond il-mekkaniżmu ta' informazzjoni reċiproka stabbilit mill-Kunsill f'Ottubru li għadda;
- e) ser jiġu promossi l-**integrazzjoni** u d-djalogu interkulturali u l-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni fil-livell ta' Stat Membru u ta' UE, it-tisħiħ ta' linji politiċi dwar l-integrazzjoni u l-qbil dwar għanijiet u strateġiji komuni; il-konferenza Ministerjali dwar l-integrazzjoni li ser issir f'Mejju 2007 ser tkun ta' importanza partikolari f'dak ir-rigward;
- f) tiġi realizzata s-**Sistema Komuni Ewropea dwar l-Asil** sa tmiem l-2010, b'evalwazzjoni preliminari ta' l-ewwel fażi tagħha fl-2007 bħala punt ta' tluq. L-iżvilupp tat-tieni fażi tagħha ser ikun akkumpanjat minn tisħiħ tal-kooperazzjoni Prattika fil-qasam ta' l-asil, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien ta' gruppi ta' esperti dwar l-asil u t-twaqqif ta' network ta' kooperazzjoni dwar l-asil; ser jiġi eżaminat ukoll il-ħolqien possibbli ta' Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew;

- g) jiġu magħmula disponibbli **riżorsi adegwati** għall-implimentazzjoni tal-politika komprensiva dwar il-migrazzjoni permezz ta' użu sħiħ mill-fondi sostanzjali li huma disponibbli jekk jintużaw bis-sħiħ il-linji tal-baġit attwali kollha u jiġu użati b'mod konsistenti u koerenti l-possibbiltajiet disponibbli kollha. F'dak ir-rigward il-Fondi għall-Fruntieri Esterni, l-Integrazzjoni, ir-Ritorn u r-Refuġjati ser iġibu riżorsi importanti biex tiġi sostnuta l-politika komprensiva dwar il-migrazzjoni, kif ukoll ser jagħmlu l-ENPI u l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI). Fi ftehim ma' l-imsieħba ta' l-AKP, l-EDF ser tgħin tindirizza wkoll il-kawżi oriġinali tal-migrazzjoni permezz ta' linji politiċi ta' żvilupp għall-perijodu fit-tul, kif ukoll bl-assistenza ta' imsieħba ta' l-AKP fil-bini tal-kapaċità fil-qafas ta' l-Inizjattiva ta' Governanza ta' l-UE.

25. Il-Kummissjoni hija mistiedna biex tirrapporta lura dwar l-implimentazzjoni tal-politika dwar il-migrazzjoni komprensiva fi żmien debitu qabel il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2007.

Tkabbir ta' Schengen

26. Il-Kunsill Ewropew jendorsja l-konklużjonijiet milħuqa mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fl-4/5 ta' Diċembru 2006 u jistenna bil-ħerqa t-tneħħija ta' kontrolli fil-fruntieri interni minn Diċembru 2007 u sa mhux aktar tard minn Marzu 2008 sakemm il-ħtiġiet kollha għall-applikazzjoni ta' l-acquis ta' Schengen ikunu ġew sodisfatti.

Rispons għal kriżijiet

27. Waqt li jieħu nota tal-progress li nkiseb s'issa, il-Kunsill Ewropew ifakkar l-importanza tal-bini progressiv tat-tnejjija u l-kapaċità ta' rispons Ewropej għal kriżijiet u diżastri abbażi ta' assi li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli u jistieden lill-presidenzi futuri biex imexxu x-xogħol dwar l-aspetti kollha u jirrapportaw regolarment lill-Kunsill dwar il-progress li sar.

III. INNOVAZZJONI, ENERĠIJA U BIDLA FIL-KLIMA

28. Kif diskuss fil-laqgħa informali tal-Kapijiet ta' Stat jew Gvern f'Lahti, l-**innovazzjoni** hija kruċjali għall-kapaċità ta' l-Ewropa li tirrispondi b'mod effettiv għall-isfidi u l-opportunitajiet tal-globalizzazzjoni. L-Ewropa teħtieġ approċċ strateġiku immirat għall-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-innovazzjoni fejn l-għarfien jissarraff fi prodotti u servizzi innovattivi. Prijoritajiet strateġiċi għall-istimulazzjoni ta' l-innovazzjoni f'livell ta' UE ġew definiti mill-Kunsill (Kompetittività); il-progress li sar fil-ksib ta' riżultati ser jiġi segwit fil-laqgħat tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa futuri fil-qafas ta' l-Istrateġija ta' Lisbona.
29. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza b'mod partikolari dan li ġej:
- il-Kummissjoni hija mistiedna tippreżenta Strateġija komprensiva dwar id-Drittijiet ta' Propjetà Intelletwali (IPR), matul l-2007, li tindirizza kwistjonijiet bħall-kwalità tas-sistema IPR; minħabba l-ħtieġa li tiġi żviluppata s-sistema ta' privattivi, il-Kummissjoni hija mistiedna tippreżenta l-komunikazzjoni tagħha dwar il-privattivi kemm jista' jkun malajr;
 - il-Kunsill u l-Parlament Ewropew għandhom, wara li jkunu wettqu eżami bir-reqqa tal-proposta tal-Kummissjoni, jadottaw bil-ħeffa, fl-2007, deċiżjoni biex jiġi stabbilit l-Istitut Ewropew għat-Teknoloġija;
 - il-Kummissjoni hija mistiedna biex fi żmien qasir tagħmel proposti għat-twaqqif ta' Inizjattivi Konġunti ta' Teknoloġija immexxijin mill-industrija, li huma miftuħin ukoll għall-SMEs, bil-ħsieb li jitniedu daww l-aktar avanzati fl-2007;
 - il-Kummissjoni hija mistiedna, f'konsultazzjoni mal-partijiet kollha interessati rilevanti, biex tipproponi azzjoni għat-titjib tal-metodi ta' ħidma u tar-riżorsi ġenerali tal-korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej. L-istandards għandhom jiġu żviluppati malajr biżżejjed biex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' swieq li jinbidlu b'mod mgħaġġel, waqt li tiġi żgurata l-interoperabbiltà.

30. It-teknoloġiji ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni huma kruċjali għall-innovazzjoni u l-kompetittività; il-prijoritajiet immedjati jinkludu l-iżvilupp ta' mudelli ta' allokkazzjoni ta' spettru li jilħqu l-oġġettivi kollha, il-promozzjoni b'mod mgħaġġel ta' servizzi mobbli avanzati, u sa fejn hu possibbli approċċ koordinat għall-użu ta' kapaċità ta' spettru li ssir disponibbli bħala riżultat ta' bidla għad-diġitali. Il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ta' l-2008 ser jirrevedi l-isfidi tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' l-internet u n-netwerks fi ħdan il-qafas ta' l-Istrateġija ta' Lisbona.
31. Bil-ħsieb tas-Summit Soċjali straordinarju li sar f'Ottubru, il-Kunsill Ewropew qed jagħmel sejħa għal dibattitu komprensiv dwar il-flessigurtà sabiex titjeb il-flessibbiltà relatata mas-sigurtà ta' impjieg, it-tnaqqis tal-frammentazzjoni tas-suq tax-xogħol u t-titjib tat-tħaddim tas-suq tax-xogħol Ewropew. Huwa jenfasizza l-importanza li tiżdied il-produttività tax-xogħol fl-Ewropa, inter alia billi tissaħħaħ l-innovazzjoni u l-kwalità tal-ħajja tax-xogħol. Huwa jilqa' l-intenzjoni ta' l-imsieħba soċjali Ewropej li jikkontribwixxu għall-ħidma li għaddejja dwar il-flessigurtà qabel il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2007. L-Istati Membri għandhom ukoll ikomplu bl-implimentazzjoni determinata tar-riformi strutturali u jieħdu vantaġġ mill-ambjent ekonomiku favorevoli attwali biex jiżdiedu l-isforzi dwar il-konsolidament fiskali.
32. Il-Kunsill Ewropew jirrikonoxxi li hemm rabta qawwija bejn il-politika ta' l-UE dwar il-bidla fil-klima u l-politika tagħha dwar l-enerġija kif ukoll l-istrateġiji dwar l-impjieg u t-tkabbir u l-iżvilupp sostenibbli u l-fatt li dawn il-linji politiċi kollha jistgħu u għandhom ikunu ta' rinforz reċiproku.
33. Fir-rigward ta' l-iżvilupp tal-**Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa**, u b'referenza għall-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2006, sar progress sinifikanti speċjalment fit-tisħiħ tal-koerenza bejn l-aspetti esterni u interni tagħha u bejn il-politika dwar l-enerġija u linji politiċi oħra. Il-laqgħa informali tal-Kapijiet ta' Stat jew Gvern f'Lahti kienet pass importanti lejn it-tisħiħ tal-konsistenza tal-messaġġi ta' l-Unjoni dwar l-enerġija lil pajjiżi terzi.

34. L-Unjoni ser taħdem biex tiżgura sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija għall-perijodu fit-tul permezz ta':
- kooperazzjoni mtejbja mal-pajjiżi fornituri, ta' transitu u konsumaturi magħguri,
 - it-tweġġ ta' suq ta' l-enerġija intern li jkun inter-konness, trasparenti u non-diskriminatorju, b'regoli armonizzati,
 - l-iżvilupp ta' kooperazzjoni biex jintlaħqu emerġenzi, b'mod partikolar fil-każ ta' interruzzjoni ta' forniment,
 - l-estensjoni tal-prinċipji tas-suq ta' l-enerġija intern tagħha għal pajjiżi ġirien, b'mod partikolari abbażi tal-Komunità għall-Enerġija u l-Politika Ewropea tal-Viċinat,
 - l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija domestiċi, inklużi daww rinnovabbli, kif ukoll teknoloġiji ġodda ta' l-enerġija.
35. L-effiċjenza ta' l-enerġija u l-iffrankar ta' l-enerġija flimkien jikkontribwixxu għall-oġġettivi prinċipali tal-politika Ewropea dwar l-enerġija. Il-Kunsill Ewropew għalhekk jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar l-effiċjenza fl-enerġija u jsejjaħ għat-tehd b'mod rapidu tal-miżuri ta' prijorità.
36. Il-Kunsill Ewropew jendorsja t-twaqqif ta' netwerk ta' korrispondenti tas-sigurtà ta' l-enerġija kmieni fl-2007. Dan ser ikun għodda importanti għall-ġbir u l-ipproċessar ta' informazzjoni eżistenti relatata mal-ġeopolitika u l-enerġija. Ser jipprovdi wkoll għodda ta' twissija minn kmieni biex tappoġġa l-istrateġija ġenerali ta' l-Unjoni bil-mira li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija.
37. Il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ta' l-2007 mistenni li jadotta Pjan ta' Azzjoni prijoritizzat bħala parti minn Politika ġenerali dwar l-Enerġija għall-Ewropa. L-aspetti esterni tas-sigurtà ta' l-enerġija ser jiġu inklużi fi ħdan il-Pjan ta' Azzjoni. Il-Kunsill Ewropew jistenna bil-ħerqa l-preżentazzjoni imminenti mill-Kummissjoni tar-Reviżjoni Strateġika dwar l-Enerġija bħala parti mill-preparazzjonijiet għall-adozzjoni ta' dak il-Pjan. Il-linji politiċi Ewropej dwar l-enerġija u l-bidla fil-klima ser jiġu diskussi mill-Kunsill Ewropew fuq bażi regolari fil-futur.

38. Minħabba l-ħtieġa urġenti għal investimenti fl-enerġija fis-snin li ġejjin, il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa li ġej ser jiddiskuti approċċ integrat għal politika ta' l-enerġija sigura, kompetittiva u li tħares l-ambjent. Dan għandu juri t-tmexxija ta' l-Unjoni Ewropea fl-integrazzjoni ta' l-oġettivi tal-bidla fil-klima fl-inji politiċi u miżuri settorjali oħra.
39. L-isfida tal-**bidla fil-klima** qed dejjem tassumi importanza akbar hekk kif il-konsegwenzi tagħha għal perijodu twil qed isiru aktar ċari u informazzjoni ġdida minn studji riċenti qed turi li l-ispejjeż tan-nuqqas ta' azzjoni għall-ekonomija globali ser tegħleb l-ispejjeż ta' l-azzjoni b'mod sinifikanti.
40. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-eżitu tas-sessjonijiet dwar il-klima tan-NU li saru f'Najrobi li inkludew passi importanti lejn l-iżvilupp ta' ftehim ibbażat b'mod wiesa' għal wara l-2012 u li jittratta t-tħassib immedjat dwar il-ħtiġijiet tal-mitigazzjoni u l-adattament. Jinnota b'sodisfazzjon ukoll il-progress li sar f'inizjattivi ta' finanzjament innovattiv biex tiġi appoġġata bidla mifruxa għal teknoloġija ġdida u mtejba.
41. B'kont meħud tar-rwol kruċjali ta' suq globali tal-karbonju u l-ħtieġa li tiġi pprovduta ċertezza fuq terminu twil, il-Kunsill Ewropew jistenna bil-ħerqa r-reviżjoni li ġejja tad-Direttiva dwar l-Iskambju tal-Kwoti ta' l-Emissjonijiet, li għandu jibda jkollha effett fil-bidu tat-tielet perijodu ta' skambju li jibda fl-2013. Dan jikkonferma r-rwol kruċjali u l-ambizzjoni ta' l-Iskema ta' l-Iskambju tal-Kwoti ta' l-Emissjonijiet ta' l-UE għal perijodu fit-tul.
42. Filwaqt li jtenni li l-bidla fil-klima hija problema globali li teħtieġ soluzzjonijiet globali li ġew inkoraġġiti mil-laqgħat riċenti ta' l-UE ma' pajjiżi terzi, il-Kunsill Ewropew ser jikkunsidra fil-laqgħa tiegħu tar-Rebbiegħa 2007 għażliet għal ftehim globali għal wara l-2012 li jkun konsistenti ma' l-oġettiv ta' l-UE ta' żieda massima tat-temperatura globali ta' 2°C iżjed mil-livelli pre-industrijali.
43. Fid-dawl ta' l-impatt politiku, ekonomiku u estern tal-linji politiċi dwar l-enerġija u l-bidla fil-klima, il-Kunsill Ewropew jistenna bil-ħerqa dibattitu integrat dwar dawn il-kwistjonijiet fil-laqgħa tiegħu fir-Rebbiegħa 2007.

IV RELAZZJONIJIET ESTERNI

44. Il-Kunsill Ewropew jilqa' r-Rapport ta' Progress dwar l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' l-UE **"L-UE u l-Afrika: Lejn Sħubija Strateġika"**, biex tiġi riflessa bidla fil-pass tar-relazzjoni ta' l-Ewropa ma' l-Afrika, u jagħmel sejħa għall-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet prijoritarji għall-2007 identifikati fir-rapport. Ir-Rapport ta' Progress jiddeskrivi triq 'il quddiem komprensiva għat-tisħiħ tas-sħubija ta' l-UE ma' l-Afrika għall-konsolidazzjoni tal-paċi, id-demokrazija u l-governanza tajba, it-tkabbir, l-investiment fin-nies u l-appoġġ ta' żvilupp sostenibbli u mifrux fil-kontinent.

Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-ħidma lejn Strateġija UE-Afrika Konġunta li għandha tiġi adottata fit-tieni Summit UE-Afrika fit-tieni nofs ta' l-2007 f'Lisbona.

Il-Kunsill ser ikompli jimmonitorja l-progress lejn l-impenni ta' l-UE għall-Afrika, inkluż biż-żieda ta' għajjnuna ta' l-UE sa 0.56% tal-DGN ta' l-UE sa l-2010, u jiżgura li 50% ta' l-għajjnuna addizzjonali jmorru għall-Afrika, kif imniżżel fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-24 ta' Mejju 2005. Il-Kunsill Ewropew ifakkar ukoll l-oġettiv li jintlaħqu 0.7% tal-DGN ta' l-UE sa l-2015, kif imniżżel fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-24 ta' Mejju 2005.

45. Il-Kunsill Ewropew jesprimi l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-Mibgħut Speċjali tan-NU Martti Ahtisaari u l-isforzi tiegħu fit-tmexxija tal-proċess politiku li għandu jiddetermina l-istatus futur tal-**Kosovo**. Ir-riżoluzzjoni ta' status futur għandha tippromwovi soċjetà multi-etnika u demokratika bbażata fuq l-istat ta' dritt b'futur għaċ-ċittadini tagħha kollha u tikkontribwixxi biex tiżdied l-istabbiltà reġjonali. Ir-riżoluzzjoni għandha tiżgura wkoll li l-Kosovo tista' tiżviluppa b'mod li jkun sostenibbli kemm ekonomikament u politikament, u tiffissa viżjoni li ttipprovdi għat-twettiq tal-perspettiva Ewropea tal-Kosovo.

L-UE tinsab lesta li tassumi rwol sinifikanti fl-implimentazzjoni tar-riżoluzzjoni ta' l-istatus. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza li jitmexxew 'il quddiem it-tħejjijiet għall-preżenza internazzjonali u ta' l-UE fil-Kosovo fil-futur f'koordinazzjoni ma' atturi internazzjonali oħra. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza ta' kjarezza fir-riżoluzzjoni ta' l-istatus futur, biex ikun possibbli rispons fil-ħin u unifikat mill-Unjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat il-finanzjament meħtieġ għall-impenn komprensiv ta' l-UE fil-Kosovo.

46. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid ir-risoluzzjoni tiegħu li jsaħħa **il-Politika Ewropea tal-Viċinat** (PEV) sabiex jiġi konsolidat ċirku ta' prosperità, stabbiltà u sigurtà bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat ta' dritt fil-viċinat ta' l-Unjoni. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni reċenti tal-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-PEV għall-Armenja, l-Azerbajġan u l-Ġeorġja, kif ukoll il-Pjan ta' Azzjoni tal-PEV miftiehem konġuntament mal-Libanu u l-progress fin-negozjati ma' l-Eġittu. B'referenza għall-aħħar komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-PEV, il-Kunsill Ewropew jendorsja l-konklużjonijiet tal-KAĠRE tal-11 ta' Diċembru 2006 u jistieden lill-Preidenzi li jmiss u lill-Kummissjoni biex imexxu l-ħidma 'l quddiem.
47. Bl-inkoraġġiment tal-prospetti għal kooperazzjoni aktar mill-qrib u djalogu politiku ma' l-Istati ta' l-Asja Ċentrali, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Preidenza Ġermaniża li ġeġja biex tmexxi 'l quddiem il-ħidma dwar strateġija ta' l-UE dwar l-**Asja Ċentrali** bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tagħha fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2007.
48. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza tas-sistema ta' kummerċ multilaterali u l-ħtieġa għal ftehim ambizzjuż, komprensiv u bilanċjat dwar l-**Aġenda ta' Żvilupp ta' Doha** u jappella lill-imsieħba prinċipali biex jaġixxu fl-istess spirtu ta' impenn kostruttiv sabiex in-negozjati jingħalqu b'suċċess.
49. Ġew żviluppati miżuri bil-ħsieb li jissaħħa l-ippjannar strateġiku, **tiġi żgurata l-koerenza fl-użu ta' strumenti differenti tal-politika dwar ir-relazzjonijiet esterni**, tittejjeb il-koordinazzjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali, inklużi n-Nazzjonijiet Uniti, u tiġi promossa l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet ta' l-UE u bejn din ta' l-aħħar u l-Istati Membri.
- Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress li sar u jistieden lill-Preidenzi futuri biex imexxu 'l quddiem il-ħidma mas-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-proċess.

Għandhom jitkomplew il-passi konkreti biex titjeb l-integrazzjoni koerenti ta' objettivi ta' żvilupp, f'konformità ma' l-impenji tal-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp ta' l-UE. Il-Kunsill Ewropew qed jistenna bil-ħerqa l-Għajnuna ta' l-UE għal Strateġija ta' Kummerċ konġunta bħala komponent important fil-promozzjoni ta' l-aġenda tal-kummerċ u l-iżvilupp.

DIKJARAZZJONI DWAR IL-PROĊESS TA' PAĊI FIL-LVANT NOFSANI

Il-Kunsill Ewropew innota bi tħassib li l-Lvant Nofsani qiegħed iħabbat wiċċu ma' waħda mill-agħar kriżijiet fi snin twal. Il-konflitt Iżraeljan-Għarbi hu fil-qalba ta' din il-kriżi. L-UE hi impenjata timxi lil hinn mill-impass attwali fil-proċess ta' paċi u li ttaffi t-tensjonijiet fir-reġjun usa'.

Il-waqfien mill-ġlied f'Gaza hu l-ewwel pass importanti. Il-vjolazzjonijiet tal-waqfien mill-ġlied għandhom jieqfu u hu għandu jkun estiż għax-Xatt tal-Punent. Sabiex il-waqfien mill-ġlied ikun importanti u jkun sostenibbli, hu għandu jkun konsolidat permezz ta' proċess politiku. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew innota d-diskors tal-Prim Ministru Olmert tas-27 ta' Novembru. L-UE laqgħat ir-rieda tal-President Abbas u tal-PM Olmert biex jerġgħu jibdwu id-djalogu, u ħeġġithom jiltaqgħu minnufih. Il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-membri l-oħrajn tal-Kwartett u l-imsieħba reġjonali biex jintensifikaw sforzi komuni maħsuba biex jerġgħu jagħtu haġja lill-proċess ta' paċi.

Il-Kunsill Ewropew faħħar l-isforzi tal-President Abbas matul l-aħħar sitt xhur biex jiffurma gvern ta' unità nazzjonali. L-UE tinsab lesta taħdem ma' gvern Palestinjan leġittimu li jadotta pjattaforma li tirrifletti l-prinċipji tal-Kwartett. Jekk tali gvern hu ffurmat, l-UE timpenja ruħha: li terġa' tibda s-sħubija mal-gvern Palestinjan leġittimu lill-imsieħba tal-Kwartett biex jagħmlu l-istess; li tkompli, flimkien ma' donaturi oħrajn, tipprovdi appoġġ finanzjarju u li tħejji, f'kooperazzjoni mal-gvern ġdid, pjan għal perijodu twil dwar il-bini tal-kapaċità, il-ġestjoni tal-fruntieri u forzi tas-sigurtà magħquda u effettivi, kif ukoll amministrazzjoni li tiffunzjona.

Il-Kunsill Ewropew appella għall-ħelsien immedjat tas-suldat Iżraeljan maħtuf u faħħar l-isforzi, inklużi dawk mill-imseħbin fir-reġjun, immirati għal dan. Huwa sejjaħ ukoll għall-ħelsien minnufih tal-ministri u l-leġislaturi Palestinjani miżmumin fl-Iżrael.

Il-Kunsill Ewropew innota r-rwol vitali tal-Mekkaniżmu Temporanju Internazzjonali fl-għoti tas-serħan essenzjali lil parti kbira tal-popolazzjoni Palestinjana sa mit-tnedija tiegħu f'Ġunju 2006. L-assistenza miżjuda provduta mill-Baġit Komunitarju u mill-Istati Membri bilateralment din is-sena, u l-kontribuzzjonijiet minn donaturi oħra għall-Mekkaniżmu, huma meqjusa bħala ta' valur kbir. Bil-ħsieb tad-deterjorazzjoni fit-tul tas-sitwazzjoni soċjo-ekonomika tal-Palestinjani, il-Kunsill Ewropew endersja estensjoni ulterjuri ta' tliet xhur tal-mekkaniżmu sa Marzu 2007. Il-Kunsill Ewropew isejjaħ għar-rilaxx tad-dħul doganali u tat-taxxi Palestinjani miżmuma minn Iżrael.

Il-Kunsill Ewropew tenna l-ħtieġa għal implimentazzjoni sħiħa u bil-ħeffa tar-Roadmap. Bħala l-ewwel pass, għandhom ikunu segwiti l-prijoritajiet li ġejjin, billi jiġi segwit kalendarju maqbul bejn il-partijiet u mmonitorjat mill-Kwartett: implimentazzjoni sħiħa u bil-ħeffa tal-Ftehim dwar il-Moviment u l-Aċċess; implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim ta' Sharm-el Sheikh, inkluż il-ħelsien ta' prigionieri u t-tkomplija tal-kooperazzjoni ta' sigurtà bejn il-partijiet; l-implimentazzjoni parallela mill-partijiet ta' l-obbligi li huma impenjaw ruħhom għalihom taħt l-ewwel fażi tar-Roadmap.

Dawn, għalkemm importanti, huma biss passi inizjali, u għandhom iwasslu għal negozjati aktar importanti dwar l-istatut finali, li l-għan aħħari tiegħu hu li tintemm l-okkupazzjoni li nbdiel fl-1967 u l-ħolqien ta' Stat Palestinjan indipendenti, demokratiku u vijabbli, li jgħix ħdejn Iżrael u l-ġirien l-oħrajn tiegħu fil-paċi u s-sigurtà. F'dak il-kuntest, il-partijiet għandhom jieħdu miżuri konkreti u immedjati biex itemmu l-atti kollha ta' vjolenza, u l-attivitajiet kollha li huma kontra l-liġi internazzjonali, inkluż attivitajiet ta' insedjament u l-bini tal-ħajt ta' separazzjoni fl-art Palestinjana, li huma ostakolu għall-kisba ta' dak l-għan. L-UE m'hi ser tirrikonoxxi l-ebda bidla fil-fruntieri ta' qabel l-1967 għajr dawk miftehmin bejn iż-żewġ partijiet.

Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kwartett biex ikun lest imexxi sforz mill-komunità internazzjonali biex jinbena fuq l-eżitu ta' negozjati b'suċċess bejn l-Iżrael u l-Palestinjani, sabiex tinstab soluzzjoni komprensiva tal-konflitt Iżraeljan-Għarbi, inklużi ftehim ta' paċi mas-Sirja u l-Libanu u n-normalizzazzjoni sħiħa tar-relazzjonijiet bejn l-Iżrael u l-pajjiżi Għarab. Dan ser jirrikjedi approċċ inklussiv li jinvolti l-atturi rilevanti kollha; kollha kemm huma jeħtieġ li jaħdmu kostruttivament fir-reġjun biex jappoġġaw dawn l-isforzi. Skond ir-Roadmap, il-Kwartett, b'konsultazzjoni mal-partijiet, għandhom ilaqqgħu fi żmien debitu konferenza internazzjonali biex iwettqu dawn l-għanijiet.

DIKJARAZZJONI DWAR IL-LIBANU

Il-Kunsill Ewropew hu mħasseb bid-deterjorazzjoni tas-sitwazzjoni fil-Libanu, u jissottolinja d-determinazzjoni tiegħu li jsaħħaħ is-sovranità, l-indipendenza u l-integrità territorjali tal-Libanu. Soluzzjoni ta' l-imblokk politiku attwali għandha titfittex biss permezz ta' djalogu u b'rispett sħiħ ta' l-istituzzjonijiet demokratiċi tal-pajjiż. Il-Kunsill Ewropew jikkonferma l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-isforzi tal-Prim Ministru Fouad Siniora u l-gvern leġittimu u elett demokratikament, maħsuba biex iżommu d-djalogu ma' l-atturi politiċi kollha fil-Libanu u biex jindirizzaw l-isfidi importanti li hu qiegħed jiffaċċja, b'mod partikolari l-implimentazzjoni sħiħa tar-Riżoluzzjoni 1701 tal-KSNU u r-rikostruzzjoni tal-pajjiż.

Il-Kunsill Ewropew jappella lill-partijiet kollha fir-reġjun biex jirrispettaw ir-riżoluzzjoni, b'mod partikolari l-embargo fuq l-armi. Hu jhegħgeġ lil Iżrael biex itemm il-vjolazzjonijiet ta' l-ispazju ta' l-ajru Libaniż mill-Forza ta' l-Ajru Iżraeljana.

Il-Kunsill Ewropew jikkundanna mingħajr ebda riżerva l-qtil tal-Ministru ta' l-Industrija Pierre Gemayel u kwalunkwe tentattiv minn forzi interni u esterni biex jiddestabbilizzaw il-Libanu permezz ta' qtil politiku jew atti terroristiċi oħrajn. Hu jistenna li dawk li wettqu tali reati jkunu idenfitikati u jitressqu quddiem il-ġustizzja. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-endorjar mill-Kunsill tal-Ministri Libaniżi ta' l-abbozz ta' status tat-Tribunal Speċjali għal-Libanu skond ir-RKSNU 1664, u jistenna bil-ħerqa t-tlestija bikrija tal-passi meħtieġa li għad baqa' għall-istabbiliment tat-Tribunal.

Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għall-isfozi mmirati għar-rikostruzzjoni u l-prosperità tal-Libanu. Hu jtenni r-rieda ta' l-UE li tikkontribwixxi attivament, b'koordinazzjoni mill-qrib mal-gvern Libaniż, għas-suċċess sħiħ tal-Konferenza Internazzjonali b'appoġġ għal-Libanu li għandha ssir f'Pariġi fil-25 ta' Jannar 2007. Il-Kunsill Ewropew jagħraf il-ħtieġa għal appoġġ finanzjarju urġenti sabiex tinbena bażi soda għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali futur fil-Libanu.

L-UE u l-Istati Membri tagħha, permezz tar-rwol prominenti tagħhom fl-UNIFIL il-ġdida wrew l-impenn tagħhom għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Riżoluzzjoni 1701 tal-KSNU bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni fuq perijodu twil għall-kwistjonijiet li wasslu għall-konfrontazzjonijiet tas-sajf li għadda. Il-Kunsill Ewropew jilqa' r-rapport reċenti mis-Segretarjat-Ġenerali tan-NU u l-intenzjoni tiegħu li jikkunsidra l-possibbiltajiet għal rwol akbar għan-NU fil-kwistjoni tax-Shebaa farms inkluż is-suġġeriment mill-Gvern Libaniż li jpoġġi ż-żona taħt il-ġurisdizzjoni tan-NU sakemm tiġi stabbilita fir-rigward tagħhom delineazzjoni u sovranità permanenti tal-fruntieri. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-ħelsien immedjat taż-żewġ suldati Iżraeljani maħtufin.

Il-Kunsill Ewropew jappella lill-atturi Libaniżi u reġjonali kollha biex juru tmexxija responsabbli u rispett sħiħ lill-istituzzjonijiet demokratiċi Libaniżi. Is-Sirja trid ittemm l-interferenza kollha fl-affarijiet interni tal-Libanu u timpenja ruħha attivament fl-istabbilizzazzjoni tal-Libanu u tar-reġjun. Is-Sirja teħtieġ li tagħmel dan biex tkun f'pożizzjoni li tiżviluppa relazzjonijiet normali mal-komunità internazzjonali, inkluż ma' l-UE. Is-Sirja għandha tirrikonoxxi, u tikkoopera ma', it-Tribunal Speċjali għal-Libanu.

DIKJARAZZJONI DWAR L-IRAN

Il-Kunsill Ewropew jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-impatt negattiv tal-linji politiċi Iranjani fuq l-istabbiltà u s-sigurtà fil-Lvant Nofsani. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja wkoll li l-Iran jeħtieġ li jkollu rwol responsabbli fir-reġjun.

B'mod partikolari, il-Kunsill Ewropew jiddeplora n-nuqqas ta' l-Iran li jieħu l-passi meħtieġa mill-Bord ta' Tmexxija ta' l-IAEA u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, u jaqbel li dan jista' jkollu biss konsegwenzi negattivi għar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Iran.

Il-Kunsill Ewropew itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-isforzi biex tinsab soluzzjoni negozjata għall-kwistjoni nukleari u jiddispjaċih li l-Iran ma impenjax ruħu serjament bil-proposti impenjattivi ppreżentati lill-Iran mir-Rappreżentant Għoli fis-6 ta' Ġunju. Dawn setgħu jservu bħala bażi għal ftehim fit-tul, li jistgħu jagħtu lill-Iran dak kollu li jeħtieġ biex jiżviluppa industrija ta' enerġija nukleari ċivili moderna waqt li jiġi indirizzat it-tħassib espress mill-Bord ta' l-IAEA u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.

Fin-nuqqas ta' azzjoni mill-Iran biex jirrispetta l-obbligi tiegħu, il-Kunsill Ewropew jappoġġa l-ħidma fil-Kunsill tas-Sigurtà lejn l-adozzjoni tal-miżuri taħt l-Artikolu 41 tal-Kapitolu VII tal-Karta tan-NU.

Il-Kunsill Ewropew jesprimi tħassib serju għad-dikjarazzjonijiet reċenti tal-gvern Iranjan dwar l-UE u Stati Membri individwali, kif ukoll it-theddid tiegħu lejn Iżrael, u d-deterjorazzjoni kontinwa tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet politiċi taċ-ċittadini tiegħu. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jiddispjaċih li l-Iran ħassar il-laqgħa tad-djalogu UE-Iran dwar id-drittijiet tal-bniedem, skedata għal Diċembru 2006.

L-UE tikkundana kwalunkwe każda ta' l-Olokawst bħala fatt storiku, kemm kollu kemm hu kif ukoll parzjalment, u għaldaqstant tirrifjuta bis-sħiħ il-premessa sottostanti u l-oġettivi tal-konferenza dwar l-Olokawst organizzata mill-awtoritajiet Iranjani.

L-UE ser iżżomm dawn il-kwistjonijiet kollha u l-linji politiċi tagħha taħt eżami mill-qrib u ser tikkalibra l-approċċ tagħha fid-dawl ta' l-azzjonijiet ta' l-Iran.

DIKJARAZZJONI DWAR L-AFGANISTAN

Il-Kunsill Ewropew afferma mill-ġdid l-impenn tiegħu lill-poplu u lill-Gvern ta' l-Afganistan u l-impenn politiku b'saħħtu tiegħu favur l-istabbiltà u l-iżvilupp tal-pajjiż. Sa mill-2001 l-Afganistan kiseb progress sinifikanti ħafna, bl-istabbiliment ta' istituzzjonijiet politiċi rappreżentattivi, il-medja ħielsa, il-bini ta' istituzzjonijiet fis-settur tas-sigurtà, it-titjib fis-setturi tas-saħħa u ta' l-educazzjoni, fid-drittijiet tal-bniedem u fl-istatus tan-nisa, il-ħatra ta' Qorti Suprema funzjonali u d-deċiżjoni li jiġi stabbilit bord konsultattiv għal ħatriet għoljin. Iżda l-Afganistan wasal f'punt kritiku. Il-Gvern Afgan, appoġġat mill-komunità internazzjonali, huwa mistieden jieħu aktar azzjoni urġenti u kkoordinata.

L-Unjoni Ewropea diġà għandha rwol ċentrali, billi kkontribwixxiet € 3.7 biljun mill-2002. Fi ħdan il-qafas provdut mill-Ftehim ta' l-Afganistan u d-Dikjarazzjoni Konġunta UE-Afganistan ta' l-2005, qed taħdem biex tippromwovi t-tmexxija, ir-responsabbiltà u l-appartenenza Afgana u biex jitravwem l-iżvilupp ta' Stat Afgan, demokratiku, sigur u sostenibbli. L-UE hija lesta tintensifika l-isforzi tagħha. Il-Kunsill Ewropew laqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tibqa' impenjata bis-sħiħ biex tassisti fir-rikostruzzjoni fl-Afganistan tul il-perijodu 2007-13. L-UE ser taħdem biex tiżgura li l-assistenza tagħha fl-iżvilupp tilħaq lill-Afgani fil-partijiet kollha tal-pajjiż.

Is-sigurtà u l-iżvilupp fl-Afganistan huma inter-dipendenti b'mod reċiproku. Fokus aktar qawwi fuq il-governanza u l-istat tad-dritt għandu jirrinforza l-azzjoni f'oqsma oħrajn. Il-Kummissjoni ser tibni fuq programmi għall-iżvilupp rurali, is-settur tas-saħħa u l-governanza, inkluż il-ġustizzja, u ser tappoġġa lill-Pulizija Nazzjonali Afgana permezz tal-Fond Fiduċjarju għall-Ordni Pubbliku (LOTFA). Il-Kummissjoni ser tappoġġa wkoll finanzjarjament xi attivitajiet ċivili mmexxija mill-Istati Membri permezz ta' Gruppi għar-Rikostruzzjoni Provinċjali (PRTs). Barra minn hekk, l-UE ser teżamina modi kif issaħħaħ l-impenn tagħha, inkluż billi tikkunsidra l-opportunitajiet u l-kondizzjonijiet għal missjoni ċivili potenzjali tal-PESD fil-qasam tal-pulizija, b'rabtiet mal-qasam usa' ta' l-istat tad-dritt.

Il-Kunsill Ewropew għamel sejħa lill-Afganistan u lill-Pakistan biex japprofondixxu r-relazzjonijiet tagħhom u biex jikkooperaw mill-qrib biex jittrattaw in-nuqqas ta' sigurtà f'żoni tal-fruntieri.

Flimkien mal-Missjoni ta' Assistenza tan-Nazzjonijiet Uniti fl-Afganistan (UNAMA), in-NATO u atturi prinċipali oħrajn, inkluż l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali, l-UE ser taħdem lejn kooperazzjoni u koordinazzjoni effettivi fil-komunità internazzjonali u mal-Gvern ta' l-Afganistan. Il-Kunsill Ewropew issottolinja l-importanza tal-Bord Konġunt ta' Koordinazzjoni u Monitoraġġ (JCMB) għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' l-Afganistan, u jsegwi b'interess l-idea ta' l-istabbiliment ta' Grupp ta' Kuntatt internazzjonali.

DIKJARAZZJONI DWAR KWISTJONIJIET AFRIKANI

Is-Sudan

Il-Kunsill Ewropew jesprimi t-tħassib serju tiegħu rigward is-sitwazzjoni ta' sigurtà, umanitarja u tad-drittijiet tal-bniedem terribbli fid-Darfur, kif ukoll rigward it-tfaqqigħ riċenti ta' vjolenza fis-Sudan tan-Nofsinhar, bi ksur tal-Ftehim Komprensiv ta' Paċi (FKP). Il-Kunsill Ewropew jikkonferma mill-ġdid l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-FKP u jappella lill-partijiet kollha biex jieqfu minn kwalunkwe azzjoni li tista tipperikola l-implimentazzjoni effettiva tiegħu.

Il-Kunsill Ewropew jinsab allarmat bl-eskalazzjoni tal-vjolenza fid-Darfur, li għandha impatt detrimentali fuq operazzjonijiet umanitarji u wasslet biex ħafna mill-persunal umanitarju ġie evakwat. Jappella għal waqfien minnufih mill-ostilitajiet, u jissottolinja l-obbligu tal-partijiet kollha li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali, il-ftehim ta' waqfien mill-għlied eżistenti u r-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU rilevanti. Il-Kunsill Ewropew jistenna li l-awtoritajiet Sudaniżi jissodisfaw ir-responsabbiltà tagħhom li jipprovdu protezzjoni effettiva liċ-ċittadini kollha mill-vjolenza u li jwaqqfu l-impunità fid-Darfur.

Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-eżitu ta' Sessjoni Speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar is-sitwazzjoni fid-Darfur, u jħeġġeġ li l-missjoni ta' valutazzjoni miftiehma tinħatar u tintbagħat mill-aktar fis possibbli.

Il-Kunsill Ewropew jilqa' d-deċiżjoni mill-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà ta' l-Unjoni Afrikana (UA) fit-30 ta' Novembru li jendorsja l-konklużjonijiet tal-Konsultazzjonijiet ta' Livell Għoli f'Addis Ababa fis-16 ta' Novembru. Huwa jhegġegħ bis-sħiħ lill-Gvern tas-Sudan biex jagħti l-kunsens inekwivokabbli tiegħu għall-implimentazzjoni tal-pakkett ta' appoġġ tan-NU għall-Missjoni ta' l-UA fis-Sudan (AMIS) fl-intier tiegħu. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-gvern Sudaniż f'konsultazzjoni man-NU u l-Unjoni Afrikana biex iwitti t-triq għall-implimentazzjoni mingħajr dewmien. Iż-żmien hu ta' importanza essenzjali f'sitwazzjoni umanitarja prekarja. Filwaqt li jfakkar fir-RKSNU 1591 il-Kunsill Ewropew ihegġegħ lill-gvern Sudaniż biex iwettaq l-obbligi tiegħu, u jistieden lill-Kunsill biex jeżamina mill-ġdid il-pożizzjoni fil-laqgħa li jmiss tiegħu. Il-Kunsill Ewropew itenni l-impenn ta' l-UE li tappoġġa l-isforzi għall-paċi fid-Darfur. Huwa ser ikompli jappoġġa l-AMIS, f'koordinazzjoni mill-qrib man-NU u l-qsim tal-piż ma' l-imsieħba internazzjonali l-oħrajn. Il-Kunsill Ewropew ihegġegħ lill-imsieħba internazzjonali kollha biex jissodisfaw il-wegħdiet tagħhom ta' appoġġ lill-AMIS.

Il-Ftehim ta' Paċi għad-Darfur (FPD) huwa l-unika bażi għal proċess politiku biex tinkiseb paċi sostenibbli fid-Darfur. Il-Kunsill Ewropew ihegġegħ lill-partijiet kollha biex jibdew immedjatament djalogu bl-oġġettiv li l-FPD isir ftehim ta' paċi li jinkludi kollox. Huwa jappoġġa d-Djalogu u Konsultazzjoni Darfur-Darfur (DDDC) bħala proċess komplimentari meħtieġ għan-negożjati politiċi.

L-effetti destabbilizzanti tal-konflitt tad-Darfur fir-reġjun usa', b'mod partikolari fiċ-Ċad u fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, huma ta' tħassib kbir għall-Kunsill Ewropew. Huwa jtenni li kwalunkwe tensjoni ulterjuri tippreżenta theddida serja għall-paċi u l-istabbiltà tar-reġjun kollu. Filwaqt li jissottolinja l-importanza ta' preżenza internazzjonali tul il-fruntieri tas-Sudan, iċ-Ċad u r-Repubblika Ċentru-Afrikana, kif imniżżel fir-Riżoluzzjoni 1706 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-missjoni riċenti ta' evalwazzjoni teknika tan-NU għaċ-Ċad u r-Repubblika Ċentru-Afrikana u jistenna bil-ħerqa r-rakkomandazzjonijiet tagħha.

Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

Il-Kunsill Ewropew jilqa' bis-sħiħ il-tmexxija b'suċċess ta' l-ewwel elezzjonijiet demokratiċi fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) f'iktar minn 40 sena u jikkongratula lill-poplu Kongoliż, lill-partijiet u lill-kandidati kollha kif ukoll lill-Kummissjoni Elettorali Indipendenti. Huwa jikkongratula lill-President il-ġdid tar-RDK, Joseph Kabila li, flimkien mal-partiti politiċi kollha u ma' l-istituzzjonijiet Kongoliżi l-ġodda huwa fdat bil-kompitu li jfittiex l-istabbiltà u r-rikostruzzjoni tar-RDK fi spirtu ta' rikonċiljazzjoni nazzjonali. Huwa jappella lill-atturi politiċi kollha biex jimpenjaw ruħhom b'mod kostruttiv f'dan il-proċess post-transitorju.

Il-Kunsill Ewropew ifakkar l-isforzi sostanzjali li l-UE għamlet b'appoġġ għall-RDK fil-livell politiku kif ukoll permezz ta' l-istrumenti tal-PESD, il-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali mill-UE u l-assistenza mogħtija permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u mill-Istati Membri ta' l-UE bilateralment. Huwa jissottolinja b'mod partikolari t-tkomplija b'suċċess ta' l-Operazzjoni EUFOR RD Kongo, li l-kontribut f'waqtu u qawwi tiegħu kien ta' deterrent u żamm il-paċi matul il-proċess elettorali. Huwa jissottolinja wkoll ir-rwol essenzjali tan-Nazzjonijiet Uniti u jappella għall-estensjoni tal-mandat tal-missjoni għaż-żamma tal-paċi tan-NU fir-RDK, MONUC, u għall-iżvilupp ta' strateġija ta' ħruġ ibbażata fuq l-oġettiv.

L-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ li tkompli l-appoġġ tagħha biex tikkonsolida l-istabbiltà u r-rikostruzzjoni. Huwa essenzjali li l-kooperazzjoni futura tkun ibbażata fuq l-impenn qawwi ta' l-awtoritajiet il-ġodda għal governanza tajba u għat-tisħiħ ta' l-istat tad-dritt. Jeħtieġ li jiġu żviluppati mekkaniżmi flessibbli adegwati mal-gvern ġdid Kongoliż biex tiġi żgurata kooordinazzjoni effettiva ta' appoġġ u ta' djalogu politiku.

Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza tal-gvern Kongoliż li jimpenja ruħu bis-sħiħ fir-riforma tas-settur tas-sigurtà. L-UE tkompli tikkontribwixxi f'dan il-qasam b'mod komprensiv u koerenti, billi tibni fuq il-missjonijiet EUPOL Kinshasa u EUSEC RD Kongo, permezz ta' impenn imsaħħaħ tal-PESD u iktar appoġġ mill-Komunità Ewropea u l-Istati Membri. L-UE kkonfermat li hija lesta tassumi rwol ta' koordinazzjoni fl-isforzi internazzjonali fis-settur tas-sigurtà, b'kooperazzjoni mill-qrib man-Nazzjonijiet Uniti, biex tappoġġa lill-awtoritajiet Kongoliżi.

Il-Kunsill Ewropew jirrikonoxxi li RDK demokratika u prospera hija essenzjali għall-istabbiltà u l-iżvilupp fir-Reġjun tal-Lagi l-Kbar kollu. Huwa jilqa' l-progress miksub fil-qafas tal-Konferenza Internazzjonali dwar ir-Reġjun tal-Lagi l-Kbar, u jħeġġeġ il-pajjiżi parteċipanti prinċipali biex ikompli l-ħidma biex irawmu kooperazzjoni aktar mill-qrib u djalogu fir-Reġjun.

Somalja

Il-Kunsill Ewropew jissottolinja s-serjeta tas-sitwazzjoni fis-Somalja u jisħaq dwar l-importanza strateġika tal-paċi u l-istabbiltà fis-Somalja. Huwa jikkonferma l-appoġġ ta' l-UE għall-Implimentazzjoni tal-Karta Federali Transitorja permezz ta' Istituzzjonijiet Federali Transitorji (TFIs) effettivi, b'bażi wiesgħa u rappreżentattivi. L-UE tibqa' impenjata fil-ħidma għal soluzzjoni politika permezz ta' djalogu politiku inklussiv. Il-Kunsill Ewropew jappella lit-TFIs u l-Unjoni tal-Qrati Islamiċi (UIC) biex jappoġġaw il-proċess ta' negozjar mibdi f'Ġunju 2006 f'Khartoum mil-Lega ta' Stati Għarab, u jħeġġeġ lill-partijiet jidħlu f'negozjati sostantivi. L-UE hija lesta tkompli l-assistenza tagħha għal dan il-proċess.

Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lit-TFIs u l-UIC biex jieqfu minn kwalunkwe azzjoni li tista' tipperikola d-djalogu, u b'mod partikolari, biex jirrispettaw l-impenji meħuda fil-qafas tat-taħditiet ta' Khartoum. Huwa jappella liż-żewġ partijiet biex jieħdu passi immedjati biex inaqqsu t-tensjonijiet eżistenti u speċjalment lill-UIC biex iwaqqfu kwalunkwe miżura li timmira lejn l-espansjoni tat-territorju taħt il-kontroll tiegħu.

Il-Kunsill Ewropew jappella wkoll lill-istati kollha, b'mod partikolari dawk fir-reġjun, biex jiksbu soluzzjoni paċifika għas-sitwazzjoni fis-Somalja, biex jieqfu minn atti li jistgħu jipperikolaw il-waqfien mill-ġlied u l-proċess politiku, u biex josservaw bis-sħiħ l-embargo fuq l-armi.

L-UE qed taħdem ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali biex tippromwovi l-paċi u r-rikonċiljazzjoni fis-Somalja. Il-Kunsill Ewropew jilqa' r-Risoluzzjoni 1725 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (2006) tas-6 ta' Diċembru, li tawtorizza t-twaqqif ta' missjoni ta' protezzjoni u ta' taħriġ fis-Somalja, b'appoġġ għall-paċi u l-istabbiltà permezz ta' proċess politiku inklussiv.

Il-Kosta ta' l-Avorju

Il-Kunsill Ewropew jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-dewmien fl-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1721 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u l-ostakoli kontinwi għall-proċess ta' paċi fil-Kosta ta' l-Avorju. Huwa jfakkar li r-Riżoluzzjoni, li tistabbilixxi l-qafas għall-estensjoni finali tat-transizzjoni, hija vinkolanti fuq il-partijiet Ivorjani kollha. Huwa jappella lill-partijiet Ivorjani kollha biex jagħtu appoġġ sħiħ lill-Prim Ministru Konan Banny sabiex huwa jkollu s-setgħat effettivi reali li jippermettulu jimplimenta l-mandat fdat lilu biex jorganizza elezzjonijiet ħielsa u ġusti sal-31 ta' Ottubru 2007.
